# FUQ IL-GĦOLJA – Il-MELLIEĦA

*Fuq il-għolja, il-Mellieħa*
*ilha tħares bosta żmien*
*biex dal-Gżejjer jibqgħu ħiemda*
*f'nagħsa ħelwa bla waqfien.*



*Ir-raħal tal-Mellieħa*

M'hemmx dubju li r-raħal għalkemm ċkejken kif kien tal-Mellieħa, minn dejjem ġibed l-għajn tal-poplu tagħna, u mhux biss, imma wkoll tal-barrani. Dan qiegħed niktbu mhux għaliex f'dawn l-aħħar snin il-Mellieħa żviluppat f'raħal mill-isbaħ b'għadd ta' vilel imferrxa minn fuq il-għolja ta' Santa Marija lejn il-wied li jibqa' nieżel lejn ix-xtajta, imma wkoll minħabba s-sbuħija u s-sempliċità ta' dan ir-raħal hekk majestuż. Mingħajr dubju ta' xejn il-Mellieħa kienet minn dejjem għal qalb il-poplu malti għaliex insibu sa mill-ibgħad żminijiet il-poplu tagħan jmur bħala pellegrinaġġ lejn il-Mellieħa. Din id-devozzjoni hekk kbira mill-poplu Malti tkattret sa minn żmien ilu sew u dan nistgħu ngħiduh bir-raġun. Għaliex il-Mellieħa ma tfakkarx lilmin iżurha bil-ġmiel tan-natura,bis-sbuħija tal-baħar u r-ramel imdiheb li taf tagħti gżiritna, imma żgur li l-pellegrin malti jżur danir-Raħal minħabba s-Santwarju tal-madonna li nsibu fih. Jingħad li l-kwadru ċkejken u miqjum tal-madonna tpitter minn wieħed mill-appostli li kienma' SanPawl meta, jingħad, il-bastiment tfarrak mal-blat qrib. Il-Pellegrinaġġi li jsiru għas-Santwarju tant meqjum tal-Mellieħa huma xhieda ħajja mhu xbiss tal-popolarità li tgawdi l-Mellieħa imma wkoll tal-fidi sħiħa f'Ommna Marija.

Mill-Belvedere li hemm wara l-Knisja tal-Mellieħa, kull min imur jittawwal lejn l-inhawi li jidhru, żgur li jibqa' mbellaħ bis-sbuħija naturali tar-Ramla tal-mellieħa u aktar u aktar tal-Gżejjer Maltin. Bl-għelieqi jħaddru sajf u xitwa, bin-nixxigħat ta' l-ilma jgelgel matul l-istaġun, l-għajn tistriħ mill-bjuda tleqq tal-blat qrib. Fuq il-lemin il-blat maqtugħ b'seħer l-elementi, nieżel għal xejn għal xejn lejn il-bajja mrammla tal-mellieħa. U f'dan il-blat għerien li sa ftit ilu kienu jidhru sewwa minn kull naħa tal-Mellieħa, kienu jkomplu jsebbħuu jgħanu dawn l-inħawi. Jien niftakar, snin ilu, meta kont ngħaddi mit-triq imserrpa li tinżel lejn il-bajja, kont nilmaħ għadd ta' ħwejjeġ minxura qrib id-daħal ta' dawn l-għerien; sinjal li fihom kienu joqogħdu n-nies. jekk il-ħars togħla kemm xejn 'il fuq,kemm taqbeż l-għolja tal-Marfa, id-dehra ta' Kemmuna u Għawdex tisthajjilhom mgħaqqda mal-blat taċ–Ċirkewwa.

*Il-Mellieħa, art is-saqwi*
*art il-bidwi; l-għasel pur.*
*Ġewwa l-blat l-għerien jinfirxu;*
*arja safja kull fejn tmur.*

**La Vittoria**

Ma jistax wieħed isemmi l-Mellieħa u jibqa' bla ma jagħti ħarsa lejn il-każin tal-Banda **La Vittoria**. Dan il-Każin li jaf it-twelid tiegħu 85 sena ilu, nistgħu ngħidu li hu l-ġawhra tar-raħal għaliex mhux biss hu Każin mill-isbaħ, imm awkoll jgħaqqad u jżomm ħabrieka lill-membri tiegħu. **La Vittoria** huwa għal qalb il-Melleħin kollha u għalkemm forsi jista' jkun li kultant tinbet xi xrara li tista' tkebbes kemm xejn in-nar, b'danakollu l-Mellieħa hu pajjiż magħqud u dan nafuh l-aktar għall-għaqda u l-armonija li teżisti bejn il-każini kollha li nsibu fil-villaġġ. L-isem **La Vittoria** aktarx li ngħata lil dan il-każin mill-Kappillan Dun Franġisk Magri meta l-ewwel President tas-Soċjetà, in-Nutar Luigi Gauci Forno, iddiskuta mal-Kappillan dwar l-isem li għandu jingħat lil din il-banda tar-raħal tal-Mellieħa. Dan l-isem żgur li għaqqad il-melleħin kollha għaliex l-anqas ma rridu ninsew li l-isem, jew aħjar it-titular tal-Knisja tal-pajjiż hi l-madonna Bambina, magħruf aħjar bħala l-Vitorja. Il-każin tal-banda ma kienx fil-post fejn nafuh illum imma qabel kein hemmdjar oħra fil-Mellieħa li servew bħala każin tal-banda La Vittoria. Il-każin li hemm illum kien inkera fis-sena 1937, fejn imbagħad inxtara fl-1958. Immedjatment max-xiri tad-dar, il-membri ħasbu li jirranġaw il-każin kif dejjem xtaquh huma u nistgħu ngħidu li kważi kull sena l-Membri jaħsbu kif jistgħu itejbu aħjar il-każin tagħhom, għakemm ma nafx x'jistgħu jagħmlu aktar biex isebbħuh minn kif inhu.

Il-Każin tal-Banda **La Vittoria** huwa l-għaqda fost il-poplu tal-mellieħa, għaliex kif qalli wieħed mis-soċi ta' dan il-Każin, bħalma l-familja tgħaqqad il-missier u l-omm ma' wliedhom, hekk ukoll il-Każin La Vittoria jgħaqqad lis-soċi tiegħu li jqisuh bħala t-tieni darhom. Kliem tassew sabiħ li tieħu pjaċir tistimgħu f'kull żmien iżda l-aktar illummeta ħlief dwar ġlied u gwerer ma nisimgħux.

*Fil-Każin ta' La Vittoria*
*jitħejjew il-marċi sbieħ*
*biex jindaqqu f'Jum il-festa*
*u jinstemgħu ma' kull riħ.*

**Il-Knisja**

Iżd jekk il-Każin **La Vittoria** jgħaqqad, kemm jiġbor fi ħdanu s-Santwarju majestuż tal-Mellieħa. Nistgħu ngħidu li dan is-Santwarju hu dak il-maqdes li jiġbor taħtu lill-Maltin kollha għliex mhux biss li hu l-eqdem Santwarju li nbena fil-Gżejjer maltin, imma wkoll hu dedikat lil Ommna Marija, Omm Alla. Permezz ta' dan is-Santwarju, ir-Raħal tal-Mellieħa.

*L-għajnuna tas-sema kiseb.*
*Minn l-Omm tagħna ħadt id-dwl*
*biex Hi miegħek tibqa' tħares*
*dawn il-Gżejjer ta' San Pawl.*

**Peter A. Caruana**